

## AMMINISTRAZZJONI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA FIL-KOSTRUZZJONI: OPPORTUNITAJIET U SFIDI GĦALL-OSH

### Sfond

F'din in-nota ta' politika, aħna nagħtu sommarju tas-sejbiet empiriċi magħżula mill-proġett "Strumenti ta' Ingranaġġ għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Lift-OSH", li huwa kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

### Introduzzjoni

Din in-nota ta' politika tenfasizza l-esperjenzi u l-isfidi ewlenin tal-adozzjoni ta' rwol ta' klijent aktar b'saħħtu biex jispira lil dawk li jfasslu l-politika u lill-manijers fis-settur tal-konstruzzjoni jippromwovu attivitajiet ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) mibdija mill-klijent.

Skont id-*data* tal-Eurostat<sup>1</sup>, l-industrija tal-konstruzzjoni hija wieħed mis-setturi l-aktar suxxettibbli għall-aċċidenti fl-Unjoni Ewropea kollha, u hija fost is-setturi bl-akbar okkorrenza ta' aċċidenti fatali u mhux fatali. Barra minn hekk, is-settur huwa wieħed mit-tliet setturi li fihom il-ħaddiema għandhom l-akbar probabbiltà li jirrapportaw disturbi muskuloskeletalni (MSDs),<sup>2</sup> u s-settur tal-konstruzzjoni għandu punteġġ ogħla mill-medja tal-EU-28 fl-esponiment għal sustanzi perikolużi<sup>3</sup>.

Ix-xogħol tal-konstruzzjoni jinvolvi varjetà wiesgħa ta' kompiti assoċjati ma' tipi differenti ta' perikli u riskji: l-użu ta' makkinarju u materjali ta' ħsara; xogħol fl-għoli; instabbiltà; żelqiet, waqgħat; xogħol bl-elettriku u l-gass; ċaqliq ta' oġġetti u vetturi (inklużi dawk relatati mat-traffiku); u affarijiet simili.<sup>4</sup> Huwa importanti li l-ħaddiema tal-konstruzzjoni jkunu esposti għal dawn il-perikli u r-riskji mhux biss direttament iżda wkoll indirettament permezz tal-azzjonijiet ta' koħaddiema fuq is-sit tal-konstruzzjoni (pereżempju, ħaddiem li jaħdem f'għoli jista' jwaqqa' martell fuq ħaddiem ieħor) (Pinto et al., 2011). Karatteristika oħra tax-xogħol ta' konstruzzjoni hija relatata mat-temporalità tiegħu: l-istruttura fiżika tinbidel kuljum, bi ħtieġa kostanti ta' miżuri ġodda tal-OSH li jistgħu jkunu superfluwi l-għada, u dan iħalli riskju li wieħed jipprova jaqta' kantunieri riskjużi.

Dawn l-isfidi huma amplifikati aktar mill-pressjonijiet tal-kostijiet ta' industrija fejn ix-xogħol spiss jiġi offrut lill-aktar offerent baxx. Fi ktajjen ta' provvista itwal, ir-responsabbiltà tal-OSH hija ta' spiss iddelegata – flimkien max-xogħol – lil sottokuntratturi żgħar li jesperjenzaw pressjonijiet ekonomiċi konsiderevoli li jiġu amplifikati fil-katina. Ir-riċerka wriet b'mod konsistenti li jeżistu differenzi f'termini ta' sigurtà u saħħa bejn ħaddiema "nattivi" u ħaddiema tal-konstruzzjoni migranti (Shepherd et al., 2021).

<sup>1</sup> Id-*data* tal-Eurostat dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol tista' tiġi kkonsultata hawnhekk: [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Accidents\\_at\\_work\\_statistics#:~:text=2010%20to%202018-.Number%20of%20accidents,accidents%20for%20every%20fatal%20accident](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Accidents_at_work_statistics#:~:text=2010%20to%202018-.Number%20of%20accidents,accidents%20for%20every%20fatal%20accident)

<sup>2</sup> Id-*data* dwar l-MSDs mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) tal-2015, stħarriġ madwar l-Ewropa amministrat mill-Eurofound, turi li 54 % tal-impjegati fil-kampjun irrappurtaw uġiġ fin-naħa ta' fuq ta' dirgħajhom f'dawn l-aħħar 12-il xahar, filwaqt li 52 % u 41 %, rispettivament, irrappurtaw uġiġ fin-naħa t'isfel ta' riġlejhom.

<sup>3</sup> *Data* minn ESENER (2019) [https://visualisation.osha.europa.eu/esener/en/survey/detailpage-national-bar-chart/2019/osh-management/en\\_1/E3Q200\\_9/activity-sector/EU27\\_2020](https://visualisation.osha.europa.eu/esener/en/survey/detailpage-national-bar-chart/2019/osh-management/en_1/E3Q200_9/activity-sector/EU27_2020)

<sup>4</sup> L-OSHWiki jipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-perikli u r-riskji: [https://oshwiki.eu/wiki/Construction\\_safety\\_risks\\_and\\_prevention#cite\\_note-25](https://oshwiki.eu/wiki/Construction_safety_risks_and_prevention#cite_note-25)

## Il-problema tal-koordinazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni

Ir-relazzjonijiet bejn ix-xerrej u l-fornitur fis-settur tal-kostruzzjoni huma differenti minn dawk fil-biċċa l-kbira tas-setturi l-oħra. Il-loġika lineari tradizzjonali ta' "materja prima-produzzjoni-bejgħ" ma tapplikax f'dan is-settur. Minflok, kwalunkwe sit ta' kostruzzjoni, kbir jew żgħir, jista' jkollu kumpaniji minn livelli differenti ta' network ta' provvista li jagħmlu xogħol simultanju fl-istess post ġeografiku.

Barra minn hekk, il-kuntratturi ewlenin fi proġetti kumplessi fuq skala kbira dejjem jimpjegaw firxa ta' sottokuntratturi li jipprovdu għarfien speċjalizzat, xogħol u diversi soluzzjonijiet teknoloġiċi. Flimkien, dawn il-fatturi jistgħu jwasslu għal "strutturi organizzazzjonali diżintegrati" (Ahlstrand, 2022) u jampifikaw l-isfida tal-allinjament tal-atturi differenti li jipparteċipaw fil-katina tal-valur tal-kostruzzjoni.

Ħafna drabi, fi proġetti kumplessi fuq skala kbira, ikun hemm diversi fażijiet ta' proġett partikolari li jseħħu simultanjament, u b'hekk jiżdedu ċ-ċansijiet ta' komunikazzjoni ħażina u inċidenti mhux previsti li jista' jkollhom impatt fuq il-partijiet kollha tal-proġett ta' kostruzzjoni. Hemm ukoll grad għoli ta' kumplessità fil-fatt li l-impjegati tal-kuntrattur ewleni u l-impjegati tas-sottokuntrattur spiss iwettqu kompiti interdipendenti simultanji.

Karatteristika ċentrali tas-settur tal-kostruzzjoni hija li l-kompiti u l-proġetti huma limitati fiż-żmien u fl-isparju, u anke ħafna konsorzji ta' kuntratturi ewlenin fi proġetti ta' kostruzzjoni fuq skala kbira u kbira ħafna għandhom ħajja relattivament qasira. Konsegwentement, l-istandards, ir-regoli lokali u s-sistemi ta' kontroll, il-kultura tas-sit tax-xogħol u l-bqija jeżistu inkorporati primarjament fi proġett partikolari u jridu jiġu żviluppati mill-ġdid fil-proġett li jmiss. Minħabba dawn il-kundizzjonijiet, il-ktajjen tal-provvista fil-kostruzzjoni huma tipikament maħsuba li jeżistu, u jagħmlu dan, għal żmien limitat – għalkemm xi relazzjonijiet jistgħu jkopru diversi kuntratti, u l-kuntratturi ewlenin jistgħu jkunu ppreferew lill-fornituri u lis-sottokuntratturi, skont il-proġett speċifiku. Il-konfigurazzjoni tal-katina tal-provvista għal proġett ta' kostruzzjoni ġdid ħafna drabi se tkun differenti minn proġetti preċedenti (b'numru li jvarja ta' sħab ġodda jissieħbu) u l-kumpaniji involuti jistgħu jassumu rwoli ġodda u differenti.

Fl-aħħar nett, il-kuntratturi ewlenin spiss isibu ruħhom f'pożizzjoni ambivalenti. Filwaqt li spiss ikunu interessati li jtejbu l-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, xorta waħda jridu jżommu ċerta pressjoni fuq is-sottokuntratturi biex jimmaniġġjaw il-ħin u r-riżorsi, iżommu l-prezzijiet baxxi u jikkonformaw mal-perjodu ta' żmien miftiehem – li għal darb'oħra, huma sorsi ta' prestazzjonijiet problematiċi tal-OSH f'ħafna ktajjen tal-provvista tal-kostruzzjoni.

Flimkien, dawn il-fatturi jwasslu għal riskju akbar ta' diżorganizzazzjoni u diżintegrazzjoni, li min-naħa tagħhom jista' jkollhom konsegwenzi gravi għas-sigurtà u s-saħħa. Hekk kif id-ditti downstream fil-katina tal-provvista jfittxu li japproprijaw valur massimu minn dak maħluq, il-kompetizzjoni ħarxa għall-kuntratti tal-bini tista' twassal għal inqas attenzjoni għas-sigurtà u s-saħħa. Id-diviżjoni tar-rwoli f'termini tal-ġestjoni tal-OSH tista' ma tkunx ċara, u l-ħaddiema sottokuntrattati spiss ikunu inqas infurmati dwar politiki u proċeduri importanti (Choe et al., 2020).

## Il-klijent b'ħala attur ġdid

Il-klijenti fil-qasam tal-bini jistgħu jinfluwenzaw u jtaffu xi ftit l-isfidi marbuta mal-OSH, iżda biex jagħmlu dan, huwa meħtieġ aktar involviment fil-prattika tal-OSH fis-siti ta' kostruzzjoni. L-element kruċjali huwa livell għoli ta' impenn għas-sigurtà, u persuni u riżorsi speċifiċi ddedikati għall-għajjnuna, l-influwenza u l-kontroll tal-isforzi tal-OSH tal-kuntrattur ewleni. Nafu minn diversi eżempji li meta l-klijenti jgħollu r-rekwiżiti tal-OSH fil-katina tal-provvista, kif osservat pereżempju fl-Olimpjadi ta' Londra u fil-kostruzzjoni tal-pont bejn Copenhagen u Malmö (Hasle et al., 2017; Spangenberg et al., 2002), dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-isforzi ġenerali tal-OSH fis-settur tal-kostruzzjoni.

Fil-proġett Lift-OSH, aħna sibna żewġ eżempji xhieda ta' dan it-tip ta' "regolamentazzjoni mmexxija mill-klijenti".

## Eżempju 1: Kumpanija kbira tat-trasport bħala klijent fil-qasam tal-bini

L-ewwel eżempju jikkonċerna proġett kbir ta' trasport infrastrutturali. Il-kumpanija klijenta għandha reputazzjoni li hija impenjata lejn is-sigurtà u s-saħħa fil-proġetti tagħha, u f'dawn l-aħħar snin għaddiet minn bidla sinifikanti fil-proċess ta' ġestjoni tagħha biex tevolve fi "klijent fil-qasam tal-kostruzzjoni professjonalment kompetenti" (kif deskritt mid-direttur tal-OSH). Dan ifisser, pereżempju, li din timpjega esperti professjonali fil-qasam tal-kostruzzjoni f'funzjonijiet speċjalizzati differenti relatati mad-diversi fażijiet u partijiet tal-proċess ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, il-kumpanija klijenta waqqfet bord ta' esperti tal-OSH minn universitajiet u istituzzjonijiet oħra biex jagħtuha parir indipendenti, u biex jispiraw lill-professionisti fid-dipartiment tal-OSH tal-kumpanija.

Dan jagħti prijorità lir-relazzjoni mal-kuntratturi ewlenin fil-proġett ferm lil hinn mill-iffirmar tal-kuntratt u r-rapporti trimestrali b'mandat kuntrattwali b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) tal-OSH dwar l-inċidenti, kważi aċċidenti, u żjarat mill-awtoritajiet. Fil-fatt, il-kumpanija klijenta impjegat maniġers tas-sit full-time fis-siti tal-kostruzzjoni kollha kemm bl-għarfien kif ukoll bid-diskrezzjoni biex jissorveljaw l-attivitajiet tal-OSH tal-kuntratturi ewlenin u jgħinu fihom. Il-maniġer tas-sit jipparteċipa wkoll fil-mixxjiet tas-sigurtà ta' kull ġimgħa mal-maniġers tal-OSH u mar-rappreżentanti tal-impjegati. Barra minn hekk, issir mixxa tas-sigurtà ta' kull ġimgħa bil-parteċipazzjoni tad-diretturi tal-proġett kemm tal-kumpanija klijenta kif ukoll tal-kuntratturi ewlenin. Fir-rigward ta' dawn il-mixxjiet, huma jindikaw żbalji jew omissjonijiet relatati mat-tagħmir protettiv personali (PPE) obbligatorju, ir-railings, l-iscaffolding u tħassib ieħor dwar is-sigurtà li jiltaqgħu miegħu. B'dan il-mod, il-kumpanija klijenta tfitx li turi impenn maniġerjali għas-sigurtà, li jmur lil hinn mis-"silo" tas-sigurtà fil-kumpaniji, u li jestendi għall-funzjonijiet u l-maniġers tal-proġett ta' kostruzzjoni nnifsu. Dan jibgħat is-sinjal lis-sottokuntratturi li huma jiġu evalwati fuq dan il-parametru bl-istess termini stretti bħal oħrajn.

Il-kumpanija klijenta fetħet ukoll "akkademja tas-sigurtà", li tiegħu l-forma ta' diversi korsijiet edukattivi dwar is-sigurtà, kollha obbligatorji għal gruppi differenti fuq is-siti ta' kostruzzjoni. Kull ħaddiem li jibda f'wieħed mis-siti tiegħu, anke s-sottokuntratturi fuq kompitu qasir, irid jattendi lezzjoni obbligatorja (bejn erba' u ħames sigħat) ta' taħriġ dwar is-sigurtà. It-taħriġ jitħallas mill-klijent u għalhekk huwa bla ħlas għall-kuntratturi u s-sottokuntratturi ewlenin. Madankollu, dan jirrikjedi li dawn jippermettu lill-persunal jattendi fil-ħinijiet tax-xogħol, u b'hekk il-kuntratturi u s-sottokuntratturi jkollhom iħallsu l-pagi fis-siegħa għalihom. Dawk kollha f'karigi maniġerjali f'kumpaniji kontraenti li jixtiequ jaħdmu fuq wieħed mill-proġetti tal-kumpanija jridu jattendu wkoll workshop. Dan jirrigwarda l-mexxejja tat-tim tal-ekwipaġġi kif ukoll il-maniġers tal-proġetti ta' livelli għoljin ta' anzjanità f'kumpaniji ta' kostruzzjoni multinazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-professionalizzazzjoni tal-funzjoni tal-persunal tal-OSH fil-kwartieri ġenerali tal-kumpanija (HQ) tiżgura li l-kumpanija klijenta jkollha l-kapaċità professjonali biex tinvestiga l-inċidenti fis-siti. Il-maniġers kollha tal-OSH huma mħarrġa fil-metodoloġija tripod tal-analiżi tal-aċċidenti.<sup>5</sup> Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi ewlenin kollha huma marbuta b'kuntratt li jinformaw lill-Kwartieri Ġenerali dwar kwalunkwe aċċident fi żmien qasir. Imbagħad, il-professionisti tal-kumpanija klijenta jridu jiddeċiedu jekk jintervjenu direttament u jiffurmaw grupp ta' investigazzjoni mal-koordinaturi u l-maniġers tal-OSH mill-kuntratturi, jew jekk l-analiżi tal-kawża ewlenija hijiex sempliċi u ma titlobx il-parteċipazzjoni diretta tagħhom, f'liema każ huma se jimmonitorjaw mill-qrib ix-xogħol investigattiv.

L-isforzi jkollhom pjuttost suċċess fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista, tal-inqas skont l-atturi intervistati u d-dokumenti interni. Kemm il-kuntratturi ewlenin kif ukoll is-sottokuntratturi jieħdu l-isforzi b'serjetà kbira, u barra minn hekk, jafu l-politiki tal-kumpanija klijenta fid-dettall.

<sup>5</sup> Għal aktar informazzjoni dwar Tripod Beta, ara: <https://www.wolterskluwer.com/en/solutions/enablon/bowtie/expert-insights/barrier-based-risk-management-knowledge-base/tripod-beta#:~:text=The%20Tripod%20method%20is%20based,Neglecting%20to%20wear%20PPE>

## Eżempju 2: Manifattur multinazzjonali tal-hardware tal-IT bħala klijent fil-qasam tal-bini

Manifattur multinazzjonali tal-hardware tal-IT żviluppa l-funzjoni ta' kostruzzjoni professjonali interna tiegħu stess biex jgħin fil-bini ta' proġetti fejn huwa l-klijent. Din l-entità tikkomunika bejn il-kumpanija omm (il-klijent aħħari) u l-kuntrattur ġenerali. Hija ma tamministrax il-kostruzzjoni ta' kuljum; is-sottokuntratturi fil-qasam tal-bini għandhom kuntratti mal-kuntrattur ġenerali, mhux mal-kumpanija klijenta.

Madankollu, hija tawtaq għadd ta' kompiti mhux normalment assoċjati ma' klijent. L-ewwel nett, hija tikkwalifika minn qabel mhux biss il-kuntrattur ġenerali li miegħu għandha kuntratt dirett, iżda wkoll sottokuntratturi li l-kuntratti tagħhom se jkunu mal-kuntrattur ġenerali. Is-sottokuntratturi li mbagħad jintgħażlu għandhom jaqblu mar-rekwiżiti kuntrattwali li jispeċifikaw il-livelli ta' taħriġ, għadd stabbilit ta' membri tal-persunal fil-qasam tas-sigurtà bbażat fuq id-daqs tal-forza tax-xogħol tal-kuntratturi, u jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-klijent – minkejja li l-kuntratt tagħhom huwa mal-kuntrattur ġenerali aktar milli mal-klijent. Il-funzjoni tal-kostruzzjoni tal-klijent tipprovdi t-taħriġ ta' induzzjoni lil sottokuntratturi ġodda; dan it-taħriġ jiffoka fuq il-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-fatalitajiet. Ladarba jibda x-xogħol, tipprovdi sett ta' għodod u taħditiet permezz ta' whiteboard fuq il-post fuq bażi regolari u tawtaq mixxiet ta' kuljum fuq is-sit. Tiżviluppa wkoll u twassal materjal ta' taħriġ dwar is-sigurtà għall-ħaddiema (fuq il-post) u għall-manigera (fuq il-post u mhux fuq il-post) f'kuntratturi u sottokuntratturi, biex tgħinhom jifhem kif għandu jitwettaq ix-xogħol, jiżguraw li jsegwu r-regolamenti u r-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni tal-klijent stess, kif ukoll jaqsmu t-tagħlim fost il-proġetti globali tagħhom. Fl-aħħar nett, hija tivverifika s-sit innifsu u tħallas lil partijiet terzi biex iwettqu awditi addizzjonali tas-sit.

Dan il-livell għoli ta' rekwiżiti tal-OSH jiġi bi spiża għall-kuntrattur ġenerali u għas-sottokuntratturi; il-klijent iħallas aktar lill-kuntratturi kif ukoll għall-manutenzjoni ta' dan il-Kwartieri Ġenerali intern. Meta mqabbla mal-ispejjeż tal-proġetti ta' kostruzzjoni tagħhom, dawn l-ispejjeż ma humiex enormi, u l-klijent iqis li huwa ta' benefiċċju li jiġu koperti dawn l-ispejjeż addizzjonali. Iżda għall-klijenti f'negozji b'marġni aktar baxx jew bi proġetti ta' kostruzzjoni iżgħar jew inqas speċjalizzati, tali approċċ ta' livell għoli mmexxi mill-klijent ikun aktar diffiċli biex jiġi ġġustifikat. Fl-aħħar nett, meta saritilhom pressjoni biex jagħtu dettalji dwar x'kellha nieqsa r-regolamentazzjoni attwali li jwassal biex il-kompetituri tagħhom jieħdu f'idejhom ukoll tali attivitajiet (u spejjeż), huma nnutaw li r-regolamentazzjoni attwali hija tajba – pjuttost, il-problema hija "fil-fatt li ninfurzaw dak li għandna".

### Implikazzjonijiet prattiċi

Hemm potenzjal kbir għat-titjib tal-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni Ewropew, jekk, fost sfidi oħra, daww li jfasslu l-politika pubblika jistgħu jħeġġu lill-organizzazzjonijiet tal-klijenti jipparteċipaw b'mod attiv fir-regolamentazzjoni u l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-OSH fi proġetti kbar ta' kostruzzjoni. Ir-riċerka tagħna turi li l-involviment tal-klijenti attivi fl-attivitajiet ta' kuljum għandu l-potenzjal li jtejjeb l-effettività tal-attivitajiet tal-OSH fil-bord kollu. Hemm diversi eżempji ta' attivitajiet bħal dawn: il-mixxiet tas-sigurtà u l-valutazzjonijiet ta' riskji konkreti, attivitajiet relatati ma' inċidenti serji bħal aċċidenti u kważi aċċidenti, u attivitajiet li jqajmu kuxjenza u jagħtu spinta lill-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-OSH fis-siti tal-kostruzzjoni.

Iż-żewġ eżempji ta' hawn fuq jirrappreżentaw kumpaniji klijenti li b'mod volontarju jmorru lil hinn mill-mandati tal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali. Huwa vitali li wieħed jifhem il-mekkaniżmi li wassluhom biex jadottaw din il-pożizzjoni, u jsiru jafu jekk u kif dawn il-mekkaniżmi huma trasferibbli għal kumpaniji klijenti oħra f'kuntesti oħra. Aħna konxji wkoll mil-limitazzjonijiet ta' approċċ tal-"prattika tal-aqwa każ" bħal dak ippreżentat f'din in-nota ta' politika. Naturalment, hemm diversi elementi kuntestwali involuti fiż-żewġ każijiet li jagħmluhom uniċi u b'xi modi inkontestabbli għal organizzazzjonijiet oħra tal-klijenti. Għalhekk, l-istudji tal-mekkaniżmi regolatorji li ħeġġew liż-żewġ organizzazzjonijiet tal-klijenti biex jaġixxu se jkollhom ikunu dettaljati sew.



Madankollu, bil-“prattiki tal-aqwa każ” bħal dawk imsemmija f’din in-nota ta’ politika, nistgħu tal-inqas nippjanaw il-perkors għal kumpaniji klijenti oħra li jistgħu jkunu interessati li jsegwu l-eżempju tagħhom. Aktar minn 40 studju tal-każ huma deskritti u analizzati f’aktar dettall fir-rapport finali li jmiss tal-proġett Lift-OSH <sup>6</sup>.

## Referenzi

Ahlstrand, R. (2022). *Structures of subcontracting: Work organisation, control, and labour in the Swedish building sector*. Università ta’ Lund. <https://lup.lub.lu.se/record/2803902b-6ba8-4b3a-9a1b-2953a26dd1f3>

Choe, S., Seo, W., & Kang, Y. (2020). Inter-and intra-organizational safety management practice differences in the construction industry. *Safety Science*, 128, 104778. <https://doi.org/10.1016/j.ssci.2020.104778>

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. 2000. *Occupational Safety and Health in Marketing and Procurement*. [https://osha.europa.eu/sites/default/files/TE3000811ENC\\_-\\_Occupational\\_safety\\_and\\_health\\_in\\_marketing\\_and\\_procurement.pdf](https://osha.europa.eu/sites/default/files/TE3000811ENC_-_Occupational_safety_and_health_in_marketing_and_procurement.pdf)

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol. (2014) *Construction sector: Working conditions and job quality* [Sfharriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Eurofound (EWCS)].

Shepherd, R., Lorente, L., Vignoli, M., Nielsen, K., María Peiró, J., 2021. Challenges influencing the safety of migrant workers in the construction industry: A qualitative study in Italy, Spain, and the UK. *Safety Science*, 142, 105388. <https://doi.org/10.1016/j.ssci.2021.105388>

Spangenberg, S., Mikkelsen, K.L., Kines, P., Dyreborg, J., Baarts, C., 2002. The construction of the Øresund Link between Denmark and Sweden: the effect of a multi-faceted safety campaign. *Safety Science* 40(5), 457-465. [https://doi.org/10.1016/S0925-7535\(01\)00013-3](https://doi.org/10.1016/S0925-7535(01)00013-3)

Awturi: Christian Uhrenholdt Madsen and Yanbing Chen.

Researchers in a consortium of six research organisations from five European countries are responsible for the project and the findings.

Il-Ġestjoni tal-Proġetti: Dietmar Elsler, Annick Starren, Lothar Lieck - I- Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

Din in-nota ta’ politika ġiet ikkummissjonata mill- Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tagħha, inkluż kwalunkwe opinjoni u/jew konklużjoni espressi, huma dawk tal-awturi biss u mhux neċċessarjament jirriflettu l-fehmiet tal-EU-OSHA.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta’ Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

La l-aġenzija Ewropea u l-ebda persuna oħra li tagħxi f’isem l-Aġenzija mhija responsabbli għall-użu li jista’ jsir mill-informazzjoni li ġejja.

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta’ ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EU-OSHA, għandu jinkiseb permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

<sup>6</sup> <https://osha.europa.eu/en/themes/good-osh-is-good-for-business/improving-compliance-osh-regulations>